31986D0289

5.7.1986 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 182/25

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Mejju 1986

li temenda d-Deċiżjoni 83/218/KEE dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Rumanija approvati għall-għanijiet ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità

(86/289/EEC)

IL-KUMMISJONI TaL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji meta ssir l-importazzjoni ta' annimali bovini u majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 3768/85/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 4(1) u 18(1) tagħha,

Wara li kunsidrat Direttiva tal-Kunsill 77/96/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar l-eżami għal trichinae (Trichinella Spiralis) ma' l-importazzjoni minn pajjizi terzi ta' laħam frisk [3] tal-majjal domestiku, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (EEC) Nru 3768/85/KEE u b'mod partikolari l-Artikoli 4 tagħha,

Billi lista ta' stabbilimenti fiir-Rumanija, approvata għall-għan ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità, kienet fil-bidu mħejjija permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 83/218/KEE [4], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 85/512/KEE [5];

Billi spezzjoni ta' rutina skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 72/462/KEE u l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 83/196/KEE tat-8 ta' April 1983 fir-rigward ta' verifiki fuq il-post li għandhom jitwettqu dwar l-importazzjoni ta' annimali bovini, majjali u laħam frisk minn pajjiżi mhumiex membri [6] uriet li l-livell ta' iġjene ta' ċerti stabbilimenti inbidel mill-aħħar spezzjoni;

Billi din l-istess spezzjoni wriet li stabbiliment ieħor jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 77/96/KEE; billi, għalhekk, dan l-stabbiliment jista' jiġi awtorizzat li jwettaq l-eżami biex jirrintraċċja il-presenza ta' trichinae f'laħam frisk tal-majjal;

Billi l-lista ta' stabbilimenti għandha għalhekk tiġi emendata;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 83/218/KEE għandu jiġi mibdul bl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1986.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 67.
[4] ĠU L 121, tas-7.5.1983, p. 23.
[5] ĠU L 316, tas-27.11.1985, p. 48.
[6] ĠU L 108, tas-26.4.1983, p. 18.

L-ANNESS

LISTA TA' STABBILIMENTI LI MINNHOM TISTA' TIĠI AWTORIZZATA L-IMPORTAZZJONI TA' LAĦAM FRISK MINGĦAJR LIMITU TA' ŻMIEN

Nru ta' l-approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz
	I. LAĦAM BOVIN	
	A **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**	
2	Industria carnii Bacau	Bacau
37	Industria carnii Galati	Galati
60	Industria carnii Alexandria	Lixandra
61 (1)	Industria carnii Buzau	Buzau
(1) Eskluż skart.		
	B. **Postijiet tat-tqattigħ**	
A-15	Interprinderea de preparate si conserva din carne	Bucuresti
23	Frigorifer Sibiu	Sibiu
30	Antrepozitul Frigorific Timisoara	Timisoara
42	Fabrica de conserve carne, semiconserve, Frigorifer Suceava	Suceava
83	Antrepozitul Frigorific Piatra Neamt	Piatra Neamt
	II. LAĦAM TAL-MAJJAL (1)	
	A. **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**	
1 T	Industria carnii Arad	Arad
2 T	Industria carnii Bacau	Bacau
8 T	Abatorul Iasi	Tomesti
37 T	Industria carnii Galati	Galati
60 T	Industria carnii Alexandria	Alexandria
61 T (2)	Industria carnii Buzau	Buzau
	B. **Postijiet tat-tqattigħ**	
A-15	Interprinderea de preparate si conserva din carne	Bucuresti
23	Frigorifer Sibiu	Sibiu
30	Antrepozitul Frigorific Timisoara	Timisoara
42	Fabrica de conserve carne, semiconserve, Frigorifer Suceava	Suceava
83	Antrepozitul Frigorific Piatra Neamt	Piatra Neamt
(1) L-istabbilimenti bl-indikazzjoni "T" huma awtorizzati, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/96/KEE, li jwettqu l-eżami għall-kxif ta' trichinae kif provdut fl-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija hawn fuq.		
(2) Eskluż skart.		
	III. LAĦAM TAŻ-ŻIEMEL	
	Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ	
2	Industria carnii Bacau	Bacau

LISTA TA' STABBILIMENTI MINFEJN LAĦAM FRISK JISTA' JIDDAĦĦAL BISS FIT-TERRITORJU TAL-KOMUNITA SAD-DATA DIKJARATA

Nru ta' l-approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz
	I. LAĦAM BOVIN	
	Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ	
11 (1)	Industria carnii Turnu Severin	Turnu Severin
(1) Sat-28 ta' Novembru 1986.		
	II. LAĦAM TAL-MAJJAL (1)	
	Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ	
11 T (2)	Industria carnii Turnu Severin	Turnu Severin
(1) L-istabbilimenti bl-indikazzjoni "T" huma awtorizzati, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/96/KEE, li jwettqu l-eżami għall-kxif ta' trichinae kif provdut fl-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija hawn fuq.		
(2) Sat-28 ta' Novembru 1986.		